MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2003

Talba Numru. 1275/2002/1

Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Lloyds li flimkien jiffformaw id-ditta assikuratrici ossia syndicates ta' Lloyds li jgibu n-numri 1245, 727, 510, 990, 570, 183, 991, 807, 1239, 314, 780, 1229, u 994 in konnessjoni ma' polza numru 760 169-011002 mahruga fl-1 ta' Frar, 2001 u Rausi Insurance Agency Limited bhala rapprezentanti lokali tad-ditta assikuratrici ossia kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assiguratrici taghhom Marie Claire Pisani u l-istess Marie Claire Pisani

Vs

Andrew Mifsud, Joseph Schembri
u James Joseph Dalli

**It-Tribunal**

Ra l-avviz li fih is-socjeta' attrici talbet il-hlas ta' Lm519.17 (hames mija u dsatax-il lira Maltin u sbatax-il centezmu) rapprezentanti danni f'incident awtomobilistiku bejn il-

vettura MCP 577 propjeta tal-assikurata attrici Marie Claire Pisani u l-vetturi tal-konvenuti DAB 035 ta’ Andrew Mifsud, EAC 187 ta’ Joseph Schembri u FAD 934 ta’ James Joseph Dalli ghal liema incident l-konvenuti kienu unikament responsabbli.

Ra r-risposti fejn tnejn mill-konvenuti Andrew Mifsud u Joseph Schembri qalu li mhux responsabbli ta’ dan l-incident.

Ra li James Joseph Dalli naqas milli jirrispondi.

Ra d-dokumenti esebiti.

Ra s-seduta datata 4 ta’ Novembru 2002 li fiha xehdet Marie Claire Pisani fejn qalet li kienet tiela t-triq fejn c-cimiterju ta’ Paola meta xeghlet l-indicator biex iddur. Tikkonferma li taqbel mal-iskizz u mad-dettalji fuq id-dokument li ffirmaw hi u l-konvenut Mifsud. Marie Claire Pisani qalet li ghamlet l-indicator xi distanza ta’ tlett karrozzi qabel ma giet biex iddur. Ikkonfermat ukoll li f’dan l-incident hasset l-karrozza taghha tintlaqat darba u mhux aktar.

Andrew Mifsud qal li kien qed isuq wara l-attrici. L-konvenut qal li l-attrici kienet se ddur fejn mhux suppost, l-attrici naqset l-ispeed, hu naqas ukoll u qala daqqa minn wara u gie mbuttat fuq il-karozza tal-attrici. Hu ma rax indicator qabel il-habta.

Anthony Mifsud li kien fil-karozza ta’ huh il-konvenut Andrew Mifsud ikkonferma li l-attrici kienet se iddur fejn mhux suppost, hi naqset l-ispeed, il-konvenut Mifsud naqas l-ispeed ukoll u qala daqqa minn wara u gie mbuttat fuq il-karozza tal-attrici. Anthony Mifsud qal li l-ewwel sema d-daqqa tal-raba karozza fuq it-tielet karozza imbaghad it-tielet karozza fuq il-karozza ta’ huh.

Joseph Schembri xehed li hu ra l-karozza ta’ Mifsud diga mahbuta fil-karozza ta’ l-attrici meta l-karozza misjuqa minn James Joseph Dalli habat go fih u tefahtu fil-karozza ta’ Mifsud.

L-assikurazzjoni ta' James Joseph Dalli hallsu lil Schembri tal-hsara kemm fuq wara kif ukoll fuq quddiem.

James Joseph Dalli naqas li jixhed.

Illi ezatt wara l-habta Mifsud qal li kien ta' warajh (Schembri) habat go fih u tefatu ghal fuq ta' quddiemu. Dan huwa konfermat mix-xhieda tal-konvenut Mifsud u huh. Il-fatt li l-attrici semghet daqqa wahda wkoll taghti ndikazzjoni li mhux minnu dak li jghid Schembri li Mifsud kien diga habat fil-karozza tal-attrici.

Ezatt wara l-habta Schembri qal “ta' waraja teffani go ta' quddiemi” (ara Front to Rear form) – ma qalx li ta' quddiemu kien diga habat.

Schembri ffirma wkoll il-formula ta' front to rear in konnessjoni ma' Dalli. Schembri ma ghamel ebda kumment dwar dak allegat minnu fil-kawza li Mifsud habat gol karozza tal-attrici qabel il-habta tieghu.

Illi James Joseph Dalli naqas li jikkontesta l-kawza.

Illi ghalhekk jidher li James Joseph Dalli kien responsabbli ghad-danni sofferti mill-atturi.

Illi l-ammont ta' danni ma kienx kontestat u jidher ragjonevoli.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Andrew Mifsud u Joseph Schembri, jilqa' t-talbiet attrici fil-konfront ta' James Joseph Dalli, jiddikjara li James Joseph Dalli kien unikament responsabbli ghal incident ta' traffiku in kwistjoni, jikkundanna l-istess James Joseph Dalli biex ihallas lil atturi l-ammont ta' Lm519.17 (hames mija u dsatax-il lira Maltin u sbatax-il centezmu) bl-ispejjez kollha tal-kawza u bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali datata 19 ta' Novembru 2001.

---------------------------------TMIEM---------------------------------